L-Erbatax-il Sena April-Ġunju 1944. Għadd 158-160.

# Leħen il-Malti

**MAĦRUĠ**

**MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').**

**MINN FUQ IL-ĦERBA TA' DJARNA MĠARRFA NIBQGĦU NXANDRU L-ĠIEĦ TA' MALTA MALTIJA.**

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| *Editorjal* | Prof. G. Aquilina |
| Folklore u Lsien Malti | A. Cremona |
| Kif saru l-Innijiet | Dun Karm |
| *Il-Għolja* | Dun Frans Camilleri |
| *Sunetti* | W. P. Gulia |
| *Ixriex u Qawsalli* | Mary Meylak |
| *Kelmiet il-Kobor* | Albert M. Cassola |
| *Manikomju* | P. G. Delia, S.J. |
| *Tweldit* | Anton Azzopardi |
| *Searchlights...* | Dun Frans Camilleri |
| Siltiet mit-Tagħlim ta' Budda | Prof. G. Aquilina |
| Moħħ Tajjeb | Rikardu Mifsud Bonnici |

## IL-KWADRU TA' MONS. K. PSAILA

Kontribuzzjoni għall-kwadru ta' Mons. Psaila magħmul mill-pittur Chev. Caruana Dingli fuq ordni tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Malti (Università).

| | | | |
|---|---|---|---|
| Aquilina Prof. G., B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) | £2 | 0 | 0 |
| Delia P. G., S.J. | 2 | 0 | 0 |
| Galea Prof. R. V., A. & C.E. | 2 | 0 | 0 |
| Pisani G. | 2 | 0 | 0 |
| Saydon Prof. P. P., D.D., B.Litt. Lic. S.S. | 2 | 0 | 0 |
| L-Eċċellenza Tiegħu Arċisqof M. Gonzi | 1 | 0 | 0 |
| Chetcuti G. | 1 | 0 | 0 |
| Coleiro Prof. Kan., B.A., D.D., eċċ. | 1 | 0 | 0 |
| Ellul Prof. G., B.Sc., M.D. | 1 | 0 | 0 |
| Grima Prof. S., D.D., Ph.D. | 1 | 0 | 0 |
| Manche' Prof. G., B.Sc., M.D. | 1 | 0 | 0 |
| Vella Prof. S., B.Sc., M.D. | 1 | 0 | 0 |
| Xuereb Prof. P., B.Sc., M.D. | 1 | 0 | 0 |
| Zammit, Dr. O. | 1 | 0 | 0 |
| Degiorgio G., Prof. LL.D., | | 10 | 0 |
| Montanaro Gauci, Imħallef A., LL.D., | | 10 | 0 |
| Agius E., B.Sc., M.D. | | 7 | 6 |

## LILL-KITTIEBA

Nitolbu lill-kontributuri tagħna li jindirizzaw il-kitbiet tagħhom lill-Editur "Leħen il-Malti", c/o Dar ta' S. Ġużepp —Hamrun, flimkien ma' bolla ta' sold f'"envelope' jekk ikunu jridu l-Mss lura meta ma nistgħux nippubblikawhom. Ngħarrfuhom ukoll biex jibagħtu l-Manoskritti ċari, jekk jista' jkun ittajpjati.

# LEHEN IL-MALTI

MAHRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

APRIL-ĠUNJU 1944. L-ERBATAX-IL SENA Għadd 158-160

## *EDITORJAL*

Tagħrif u Kummenti tal-PROF. G. AQUILINA

### *MONS. M. GONZI ARĊISQOF METROPOLITAN*

*Malta u Għawdex it-tnejn urew il-ferħ tagħhom għall-ġieħ li Ruma għamlitilna billi għaqqdet iż-żewġ gżejjer fi Provinċja waħda taħt Arċisqof Metropolitan. Lil Mons. M. Gonzi mess il-ġieħ li jkun l-ewwel Arċisqof ta' din il-Provinċja ġdida. B'daqshekk nistgħu ngħidu li l-gżejjer tagħna rċevew wirja ta' qima minn għand l-aqwa żewġ Awtoritajiet li jmexxu l-ħajja reliġjuża u politika tagħna, jiġifieri, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII billi żejjinna b'dan il-ġieħ ġdid, u r-Re Ġorġ VI li tana l-"George Cross".*

### *ID-DIRETTUR TA' L-EDUKAZZJONI*

*Wara li kien għadda ż-żmien iż-żejjed mill-mewt ta' Dr. A. V. Laferla, sa fl-aħħar il-Gvern għażel lil Mr. J. Brennan, M.R.S.T., bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni. Hekk, għallinqas, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma baqagħx jixxejjer mar-riħ, u issa li għandu d-Direttur tiegħu, dan jista' jidħol minnufih għar-risponsabbiltajiet tassew importanti.*

*Fost il-problemi li d-Direttur il-ġdid irid iħabbel rasu fuqhom, hemm dawn:*

*1) L-Edukazzjoni obbligatorja (Compulsory Education).*

*2) Edukazzjoni Universitarja speċjali biex l-għalliema, jekk iridu, jistgħu jidħlu għal xi gradi akkademiċi li, m'għandniex xi ngħidu, iridu jiswewlhom għal "promotions" għax fejn mhemmx "skop" mhemmx "xogħol".*

*3) Twaqqif ta' skejjel ibblizzjati, klassijiet aktar xierqa għall-għalliema.*

*4) U fost ħwejjeġ oħrajn, intensifikazzjoni ta' l-attivitajiet sportivi biex is-saħħa tan-nazzjon ma tibqagħx tiddgħajjef.*

*Waqt li nifirħu lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni l-ġdid, nixtiqulu riżq kbir.*

## *EDUKAZZJONI LIBERALI*

*Stagħġibna ħafna dan l-aħħar nisimgħu 'l xi studenti tal-M.S.A. (Malta Branch) jtħambqu u jgħidu li l-Università qiegħda biss biex wieħed igħaddi mill-eżamijiet u jagħmel karriera. U m'hemmx biża' li b'karriera jifhmu li jagħmlu "ħafna flus".*

*Kellu raġun mnejn ibiegħ Prof. H. Armstrong jikteb fil-"Black Friars" li l-Università ta' Malta trabbi fi ħdanha mhux nies li għandhom quddiem għajnejhom l-Edukazzjoni Liberali, imma ħafna "technicians" jew bil-Malti "nies tas-snajja'."*

*Imma l-Università mhix qiegħda għalhekk. Dawk li jridu jafu għalfejn qiegħda l-Università, inħeġġuhom jaqraw x'qal fuq dan is-suġġett il-Kardinal Newman.*

## *IL-MATRIKOLA TA' LONDRA*

*Fir-Regulamenti ta' l-Eżami tal-Matrikola ta' l-Università ta' Londra nsibu li l-Ilsien Malti hu wieħed mis-suġġetti speċjali approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Londra għall-eżamijiet tal-Matrikola. Suġġetti oħra li jidhru mal-Malti f'dawn ir-Regulamenti, fost ħafna, huma: Grieg Modern, Irlandiż, Norveġjan, Portugiż u Svediż. Kumpanija sabiħa!*

*Dan juri tassew kemm kellna raġun ngħidu li, biex il-barranin jibdew jirrispettawna, dawn iridu, qabel xejn, jaraw lilna nirrispettaw lil xulxin.*

## *VOT GHAL PUBBLIKAZZJONIJIET BIL-MALTI*

*Fl-Estimi nsibu £100 ivvutati mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jintefqu fil-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet bil-Malti.*

*Billi l-gwerra qallbitna ta' taħt fuq u qatgħet il-karta mis-suq, xogħlijiet bil-Malti ftit li xejn dehru f'din il-gwerra, u b'hekk ta' kull darba dawn il-£100 reġgħu lura fit-Teżor mhux minfuqa.*

*Imma issa Malta strieħet mill-gwerra, u reġa' wasal iż-żmien li nħeġġu l-kitba bil-Malti, sew biex inkabbru l-letteratura Maltija kif ukoll, għal ħsieb prattiku, biex naqtgħu l-għatx għall-qari tajjeb ta' ħafna nies li ma jafux jaqraw ħlief bil-Malti.*

*Inħajru lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex iniedi konkors bi premijiet għall-aħjar xogħlijiet bil-Malti kif sar fis-sena 1935. Aħna nagħtu l-għajnuna tagħna kollha.*

# FOLKLORE U LSIEN MALTI

*Taħdita li saret fil-Laqgħa tal-Għaqda tal-Malti (Università) fir-R.M.U.U. Club fl-24 ta' April, 1940, minn* A. CREMONA

F'TAĦDITA li kont għamilt fl-Università tagħkom f'laqgħa tal-membri tal-"Malta Historical and Scientific Society" fit-22 ta' Frar ta' l-1922, jiena kont tkellimt fuq biċċa mill-Folklore malti,-jiġifieri fuq il-Folklore jew twemmin, drawwiet u superstizzjonijiet fil-Gżejjer ta' Malta dwar it-Temp u l-Biedja fejn b'xebh bejn xi qwiel maltin dwar it-temp, u dwar il-biedja, u dawk li hemm f'xi pajjiżi ta' l-Ewropa qrib lejna, kont urejt ir-rabta kbira li hemm bejn dawk u dawn, rabta li turi r-rifsiet li ħalla fil-moħħ u fir-ruħ tal-poplu malti r-riġel taċ-Ċivilizzazzjoni ewropea li mill-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs sa għeluq is-Seklu Tmintax ħakmet fuqna b'riħet il-kurrent ta' nies ġodda ewropej li tħalltu magħna, b'riħet ir-rabtiet sħaħ ta' kummerċ tal-baħar, tas-sengħa u ta' l-arti bejn l-artijiet ta' dawn in-nies u l-Gżejjer ta' Malta, rabtiet li baqgħu ħajjin sal-lum, saħansitra qalb in-nies tar-raba', l-inqas li setgħet fost il-popolazzjoni tittiesef minn drawwiet barranija u l-iktar li setgħet iżżomm safi l-wirt ta' kull drawwa jew superstizzjoni ewlenija. B'dana, f'kelma waħda, ridt nuri li, għalkemm l-art ta' Malta setgħet fi żminijiet ta' qabel l-Istorja tagħmel sehem max-xtajta ta' l-art ta' l-Affrika ta' Fuq, u n-nies li għammru f'dawn il-Gżejjer baqgħu jżommu d-drawwiet il-qodma ta' l-iktar ġens bikri u jitkellmu bil-lsien qadim li l-iktar li joqrob mal-fergħa semitika li magħha jagħmel l-Għarbi djalettali mis-Surija sa tarf il-Mogħreb, fil-poplu malti, kellha, maż-żminijiet taħt il-qawwa taċ-ċiviltà mediterranea, fis-sensiela ta' taqlib ta' ġrajjiet ta' saltna wara l-oħra li ħakmu l-Gżejjer, tiġri, bħal fin-nazzjonijiet l-oħra qraba, dik il-bidla tad-demm u moħħ li bis-saħħa tagħha l-lum ir-razza maltija ħadet bixra għaliha li tagħżilha minn dik ta' l-ewwel nisel u saħansitra min-nisel tal-Lsien li titkellem bih.

Illi l-Maltin jitkellmu bi Lsien li hu ta' nisel wieħed ma' tal-Għarbi fil-waqt illi l-Folklore tiegħu huwa, tista' tgħid, kollu kemm hu ewropew, hi waħda mill-ħwejjeġ illi fuqha stagħġeb il-magħruf Professur Sayce meta sama' u qara t-taħdita tiegħi fuq il-Folklore malti dwar it-Temp u l-Biedja u staqsieni jekk dana kienx imħabba li l-Maltin baqgħu Insara?—Hija ħaġa li

ma tistax tiċħadha illi r-Reliġjon kienet waħda mir-raġunijiet qawwija li dejjem għażlet l-Ilsien semitiku-malti minn dak tal-Għarbi fl-Affrika ta' Fuq li ħa x-xejra tal-progress Mawmettan fil-waqt li l-Malti fil-perijodu Biżantin kien laħaq ħa, u baqa' jieħu, l-ewwel, ix-xejra tad-drawwiet tal-Knisja Sirijaka, u mbagħad tal-Latina bil-liturġija skond il-kalendarju Gulìjan, u mbagħad, Gregorjan.

Jien f'dik it-taħdita, bħalma għidtilkom, kont messejt fuq biċċa waħda mill-Folklore malti, jiġifieri fuq il-għamla ewropea tal-qwiel tat-Temp u Biedja bid-drawwiet u superstizzjonijiet li ntgħaġnu fil-moħħ u fir-ruħ tal-poplu Malti—u b'hekk jien waqqajt dak li Patri Magri kien qal fil-kotba ta' *Hrejjef Missirijietna* u f'dawk ta' *X'Jgħid il-Malti jew l-Għerf bla miktub tal-Maltin*, illi, jiġifieri "dawn il-qwiel huma ta 'nisel Feniċju u li flimkien ma' l-Ilsien malti huma fdal ta' żminijiet l-aktar bikrija." F'dik it-taħdita jien kont għażilt l-iktar żewġ ħwejjeġ li jagħmlu mill-għerf u sengħa bikrijin tal-bniedem, li huma dawk tas-sema, il-baħar u l-art, biex nuri kemm, sa minn żminijiet ewlenin ta' l-Istorja, u l-iktar miż-Żminijiet tan-Nofs, kienet qawwija dik ir-rabta li kellna ma-nies ta' l-artijiet ta' bejn ix-xtut tal-Mediterran tan-naħa ta' l-Ewropa u dawk ta' l-Affrika ta' Fuq għal dawk li huma Lsien u Drawwiet, rabta li hija l-ħolqa li tgħaqqad fil-poplu malti l-element Semitiku ma' l-Arjan.

Il-lum, iżda, irrid immiss iżjed fil-wisa' fuq biċċa oħra mill-Folklore Malti li hija wkoll imsensla, mhux le mal-Metereoloġija u Biedja biss, mhux le ma' qwiel jew proverbi biss, iżda ma' kollha kemm hi l-fraseoloġija Maltija li l-lum tagħmel mal-Lsien Malti kif nitkellmuh. Fuq hekk nistgħu ngħidu li l-Folklore malti u l-Lsien malti huma ħaġa waħda, jiġifieri ma tistax tagħżel il-wieħed mill-ieħor. Fi ftit kliem mhux il-Folklore li hu msensel mal-Lsien malti, imma il-Lsien malti li hu marbut mal-Folkore. Il-Lsien malti mingħajr id-daqqiet ta' pinzell tal-ħżuż tal-Folklore fuq il-fond tiegħu ma jista' qatt jissawwar fi kwadru sħiħ li l-lum jissejjaħ il-Lsien malti. Mingħajr il-Folklore, jiġifieri mingħajr il-frażi, hi xinhi, li nsibuha mnaqqxa fuq il-fond tat-taħdit malti f'ħalq il-poplu, dik il-frażi li biha jitfisser il-ħsieb, id-drawwiet it-twemmin u s-superstizzjonijiet, il-Lsien malti jintafa' lura għal millinqas elfejn sena u minnu ma jifdalx ħlief l-iskeletru tal-kelma, l-iktar tal-verb b'tifsira waħda jew tnejn—li ma tfissirx ħlief il-ħsieb ewlieni fiżiku nieqes minn

idejjiet astratti, li tfisser l-oġġett ta' dik il-ħabta u l-ebda ieħor ta' barra minn żmienha—għalhekk il-Lsien jibqa' battal mit-terminoloġija ideoloġika, teknika u xjentifika li nħolqot mal-progress mill-ewwel Żminijiet tan-Nofs sal-lum.

Fil-Malti, il-kelma qadima fejn dik tal-lum nistgħu nxebbhuha mal-għamara tat-tiżjin tal-persuna f'qabar ta' żmien il-Feniċi ma' l-oġġetti tat-twaletta tal-lum.

Il-Lsien Malti, kif fissirt fit-taħdita li semmejt, nistgħu nqisuh bħala kapitlu ċkejken tal-Lsien semitiku mitkellem mis-Surija sa tarf l-Affrika ta' Fuq, kif il-Gżejjer ta' Malta fil-Baħar Mediterran nistgħu nqisuhom bħala l-fdal ta' l-Art tal-Mogħreb ta' qabel iż-żminijiet ta' l-Istorja. Iżda sew il-Lsien Malti kemm in-nisel tal-poplu Malti mill-ewwel żminijiet storiċi 'l hawn, kif jixhdu d-drawwiet tiegħu u s-sura mżewqa ta' lsienu, ħadu xeħta għaliha magħġuna mill-id ta' ġrajjiet li għaddew minn fuq il-gżejjer ta' Malta, u b'hekk fil-poplu malti saret ma' tul eluf ta' snin, u l-iktar fl-aħħar elf sena, bidla mill-qiegħ jew fl-arblu tar-razza li ddakkar minn fergħat ta' razez fil-qrib u razez oħra ewropej, sew fil-ħajja ekonomika, pulitka u morali, kemm ukoll fit-tifsir tal-ħsibijiet li bis-self ta' kliem ġdid, il-moħħ tal-poplu sawwar fi frażijiet ġodda mibnijin fuq sintassi ta' ilsna ewropej, fil-waqt li żamm ruħu marbut mal-morfoloġija ta' Lsienu u ma' xi idjotismi qodma tal-Lsien Malti.

B'din is-sura ġdida, il-Lsien Malti jista' jitqies bħala Lsien għalih, ilsien li fih jorbot is-sensiela ta' bejn iż-żewġ Lsna kbar: is-Semitiku—ta' fergħa Għarbija—u l-Arjan—ta' fergħa Neo-Latina jew Romanza. F'dan it-tiswir tal-Lsien Malti għandu, kif sa nfisser iżjed bir-reqqa, sehem kbir il-Folklore jew il-Għerf popolari bid-drawwiet u superstizzjonijiet tiegħu li minn elf sena 'l hawn daħlu fost il-poplu u bihom iddakkar il-Lsien Malti.

Fuq ix-xeħta taljana ta' xi frażijiet maltin kien kiteb il-Professur Salvu Castaldi fil-ktejjeb tiegħu "Maltesismi e Frasi Toscane." Iżda x-xebh li wera Castaldi bejn il-frażi maltija u dik taljana jew toskana hija fuq dak *ta' ħsieb* u mhux *ta' ħsieb u kliem flimkien.*

Ili titkellem fuq ir-rabta tal-Lsien mal-Folklore kulħadd jaf li mhix ħaġa li tista' tgħidha f'taħdita ta' siegħa u lanqas ta' jum sħiħ. Mill-materja! li ġbart fuq hekk nislet għalhekk xi ħwejjeġ 'l hawn u 'l hinn u nurihom fil-qosor, u 'l quddiem nittama li f'xi laqgħat oħra nkun nista' fuq hekk nissokta nkellimkom fil-wisa'.

Ix-xebh ta' frażijiet maltin ma 'dawk ta' Ilsna Ewropej b'rihet ir-rabta ta' drawwiet u superstizzjonijiet ġodda fil-Gżejjer tagħna jibda minn żmien in-Normanni u jibqa' sejjer b'kollox għal madwar 500 sena ma' tul is-saltniet ta' l-Aragoniżi u l-Kastiljani u f'ħin wieħed żmien il-Viċerejiet ta' Sqallija li magħha kellna x'naqsmu iżjed fil-qrib fil-ħajja ekonomika, amministrativa u soċjali meta fi żmien wieħed il-Lsien Anglu-Sassoni ta' l-Ingilterra beda jitħallat bit-terminoloġija franċiża u wara żmien ma' dik tal-Latin. Minn żmien l-Ordni sal-lum insibu li l-Lsien Malti ħa sura iżjed imżewqa, u fih żdied xi kliem tekniku tan-navigazzjon, snajja', sajd, kaċċa, u dan l-aħħar ta' inġinirija u *sports*, moda, ecc., jiġifieri kliem franċiż, spanjol u ingliż, u 'l hawn u 'l hinn ukoll xi kliem għarbi tal-Kosta ta' Barberija li daħal ġdid ma' rsiera għarab u bil-kummerċ max-xtajtiet ta' dik l-art sal-bidu tas-Seklu Dsatax.

Biex nimxu ma' dak li jrodd il-Lsien Malti tal-lum skond il-ġrajjiet li għadda minnhom nibdew, għalhekk l-ewwelnett, minn xi frażijiet sqallin li fihom, barra mill-ħsieb, insibu li jaqblu wkoll xi kliem.

*Dannucci a lu villanu alloggiu e manciari francu*—Taw lill-bidwi igħammar u jiekol frank. *Ma comu lu Re vidia ca sgarracanu*—Iżda kif ir-re ra li qegħdin jiżarraw. *Una di tuttu*—Dintott. *Peppi stunoi*—Peppi stona. *Idda lu vardava soda soda.* Hija kienet tħares lejh soda soda. *Firnicia 'n testa*—Firniżija fir-ras. *Pi dui voti si l'ha scapulata*—Skapulaha għal darbtejn. *E ci dissi chiaru e tunnu*—U qallu ċar u tond. *Ha addunatu di la to' superbia*—Induna bis-suppervja tiegħek. *Basta però chi come t'allesti mi lu porti subbitu*—Iżda basta li malli tlestih iġġibuli malajr. *Quannu foru lesti*—Meta kienu lesti. *Faciti contu ca' un m'aviti vistu*—Agħmel kont li ma rajtnix. *San Pietru era curiusiteru*—San Pietru kien kurżitajr. *San Pietru allura cci dissi 'ncuitatu*—San Pietru allura qallu inkwitat. *Si cuisciò lu nasu*—

Ixxoxxa mnieħru. *Dui monaci Capuccini jianu caminannu a fari la circa*—Żewġ patrijiet Kabuċċini kienu sejrin biex jagħmlu ċ-ċirka. *'Ncignusi*—Inġinjużi. *Ficiru di modu e maniera chi...*—Għamlu mod u maniera li... *Pi cumminazioni lu nzirtau 'nt'o sonnu*—Kumbinazzjoni nzertali f'nagħsu. *Datemene una junta*—Tini ġonta. *Avia a jiri a'na banna.* Kellu jmur banda. *Mparissi ca s'affruntava*—Taparsi rrifronta ruħu. *S'allianavanu cu li carti*—Kienu jaljenaw ruħhom bil-karti (tal-logħob). *Li genti 'n sutta*

*mia*—In-nies sutta tiegħi. *Si ci miseru pi' piantuni davanti*—Qagħdu pjantun quddiemu. *Cu' mi lu dissi, signali chi mi lu putia diri*—Min qalli sinjal li sata' jgħidli. *L'hai fattu a mia*—Għamiltħieli. *Na giurnata mentri si custuniavanu*—Ġurnata waħda fil-waqt li kienu jikkustinjaw. *Allocu d'inzirtari lu gatta...*—Minflok ma nzertaw il-qattusa... *Lu cavaddu sarrumazzaw*—Iż-żiemel irmazza. *Ho n'cappatu 'na cosa*—Inkappajt ħaġa.

Ngħaddu issa għal dawk il-frażijiet fl-Isqalli li magħhom il-Malti *jaqbel fil-ħsieb biss*. Insemmi xi ftit minnhom:

*'Un po' jiri la me' palora e la 'tua nn'arreri*—Ma tistax traġġa' l-kelma tiegħi u tiegħek lura. *La Peppina s'sietta a l'ucchieddu di lu suli*—Peppina toqgħod għal għajn ix-xemx. *'Un ci sentia mancu 'na musca*—Ma kontx tisma' dubbiena. *E dda' ce' era frutti fora tempu*—U kien hemm frottijiet barra minn żmienhom. *Varda che facemu*—Ara x'nagħmlu. *L'aviti a vidiri vui*—Għandek tarah inti. *Lu re di li piatti si nni passoi, ma di la tavola noi*—Is-sultan dik tal-platti ħallieha tgħaddi (li l-klieb ġarrewlu l-platti) imma tal-mejda le. *Un jornu 'nta di l-autri*—Ġurnata fost l-oħrajn. *Doppu menz'ura li riuzzu era bonu*—Wara nofs siegħa l-Prinċep għadda għat-tajjeb. *Vulistivu vidiri a ddu Fusiddu*—Trid tara lil dan Fusiddu. *Facemu 'na cosa*—Nagħmlu ħaġa. *Iddu cerca di jiri 'n sacchetta iddu*—Dak qiegħed ifittex li jdaħħal fix-xkora lil dak. *Ddiu la manna bona*—Alla jibgħatha tajba. *Lu nemicu sta di cadiri u non cadiri*—L-għadu bejn sa jaqa' u ma jaqax.

Mill-frażijiet sqallin nistgħu nmorru wkoll fuq il-frażijiet taljani fejn insibu wkoll li hemm xi xebh bejn dawn u l-Malti.

Barra minn dawk imsemmijin minn Salvatore Castaldi fil-*Maltesismi e Frasi Toscane*, insibu oħrajn sew fit-Taljan ta' bejn l-aħħar ta' l-1200 u l-bidu tal-1300 kif ukoll fit-Taljan tal-lum.

Fost il-frażijiet taljani li jaqblu mal-Malti nistgħu nsemmu dawn:

*Facciamo la debita tara ad alcune circostanze*—Naqtgħu it-tara eċċ. *Era nuovo e fiammante*—Kien ġdid fjamant. *Arbitrio della seta*—Arbitlu tal-ħarir (Taljan ta' l-1600). Hawnhekk il-kelma *arbitrio* (bl-Isqalli. *arbitriu*) tfisser makna, għodod, strument. Ma jidhirx li l-lum baqgħet ħajja fit-Taljan.

*Il pane era attoscato*—Il-ħobż kien intuskat (*Nuovi Squarci di eloquenza, 1843.*)

Mit-Taljan tas-Seklu Tlittax (Malispini) nisiltu dawn is-sentenzi:

*Allora i Fiesolani vedendo che non si poteano più tenere.* Il-kelma *tenere* skond nota fil-ktieb tfisser, *tenere resistenza, resistere*—Imbagħad in-nies ta' Fiesole meta raw li ma jistgħux iżommu iżjed. *E le donne senza ordinamento passavansi le maggiori di una gonnella.* Skond nota tal-ktieb il-verb *passarsi* fit-Taljan hawnhekk għandu t-tifsira ta' *contentarsi, sopportare.* In-nota tkompli tgħid li dan il-verb jużawh ħafna l-Franċiżi u iktarx meħud minnhom, għalkemm l-editur jidhirlu li hu mnissel mill-parteċipju *passus* tal-Latin *patior.*—U n-nisa kienu mingħajr tiżjin, igħaddu, il-kbar fosthom, b'għonnella.

Mit-Toskan insemmi xi frażijiet meħudin minn Fucini:

*Me lo faccio a piedi come avevo ideato*—Nagħmilha bil-mixi kif kont għamilt il-ħsieb. ...*Tira giù una gran fugata alle corde come viene viene*—U beda jagħti u jdoqq kif ġie ġie. *Era stato a un pelo di diventare un grosso e denaroso commerciante*—Għal xagħra ma kienx sa jsir neguzjant kbir u tal-flus. *Balbettando come se le parole gli si annodassero giù per la gola, ruppe prima il silenzio*—Itemtem bħalli kieku telgħetlu għoqda fi grieżmu, kiser l-ewwel wieħed is-skiet. *Nel tempo che l'ascoltavano guardandolo fisso mi dettero nell'occhio tre lunghi vergoni di castagno*—Fil-ħin li qed nisimgħu nħares lejh fis tawni f'għajni tliet għesieleġ tal-qastan. ...*E dentro ci trovò la bagatella di mille lire tonde*—U ġewwa sab il-bagatella ta' elf lira tondi. *Se arriva all'alba, bisogna dire che la robustezza della sua fibra sia capace di far miracoli*—**Jekk iwassal sas-sebħ,** (jiġifieri jekk jibqa' ħaj sas-sebħ), trid għid illi l-qawwa, eċċ.

Il-għanjiet Maltin popolari huma iktarx ottonari kif ukoll insibuhom fin-Naplitan u fl-Isqalli.

Kif naraw minn xi frażijiet u kliem Sqalli, xi kliem Malti, għalkemm fil-għamla hu ta' nisel semitiku, aħna ħadnieh mill-Isqalli, fosthom il-kelma "maktur", *maccaturi*, "nieqa", *naca*, u oħrajn.

Qabel ma nagħlaq dan ix-xebh, biex inwettaq ix-xebh tal-frażijiet Maltin ma' xi oħrajn f'ilsna neo-latini, sa nsemmi xi drawwiet maltin bil-frażijiet tagħhom ukoll li jmissu ma' l-aqwa ġrajjiet li jagħmlu mill-ħajja tal-bniedem u li jaqblu wkoll ma' dawk l-oħra ta' artijiet ewropej fil-qrib fosthom ta' Sqallija u l-Italja; jiġifieri drawwiet tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt.

Fid-drawwiet ta' qabel iż-żwieġ insibu li hemm rabta f'bosta ħwejjeġ. Fi Sqallija x-xbejba tagħmel wegħdi u noveni lil San Rafel Arkanġlu jew lil San Ġwann jew it-trediċina ta' Sant'

Antnin; f'Malta dawn iktarx isiru lil Santa Rita. Xi ismijiet ta' ħwejjeġ li jingħataw fid-dota lill-għarusa fi Sqallija, bħal dawk li nsibu fil-kitba taż-żwieġ ta' bejn l-1200 u l-1700, jaqblu ma' l-ismijiet ta' xi ħwejjeġ f'Malta, għallinqas dawk li bqajna nafu bihom sal-bidu ta' dan is-seklu. Insemmu xi ftit minnhom: *Mantigghia con guarnizione*—mantilja bil-gwarnizzjon; *faudali*—fardal; *tovagli*—tvalji; *indiana* (*nova*)—indjana; *posati d'argento*—pożati; *schiavina*—xkavina. Fost dawn ta' min isemmi din il-lista meħuda minn kitba taż-żwieġ kelma b'kelma: "*Mataraccia, duo de fustagno plena lana, traversum, unum de fustagno plena pluma... cum listis sericis, cultram unam albam, suttana quatuor, dublettum unum, thobalios tres*" li bil-Malti tfisser dan: "Mtieraħ, tnejn tal-fustan mimlijin bis-suf, ta' versa waħda, mimlijin bir-rix... bil-listi tal-ħarir... kutra waħda bajda, erba' staten, dublett, tliet tvalji." Il-Latin ta' din il-kitba ma jagħmilx għajb lil dak li nsibu miktub f'testmenti u kitbiet oħra taż-żwieġ li saru hawn Malta f'dawk iż-żminijiet.

Fuq il-ġhież jew dota, il-ftehim minn qabel. "Ftehim u ġlied bil-quddiem" jingħad fostna. Bħal fi Sqallija, hawn Malta, kif ukoll Għawdex f'xi rħula kien, u iktarx għadu, isir daqsxejn ta' trattament bil-ħelu u r-rożolin. Bejn il-missier u l-omm tal-għarajjes isir il-ftehim għal meta jsir iż-żwieġ, jew kif igħidu "biex jieħdu ż-żmien". Iċ-ċurkett jew ħatem, l-iktar f'Għawdex, jingħata mill-għarajjes bħala sinjal ta' wegħda ta' żwieġ fl-ewwel tnedija ta' qabel iż-żwieġ. Sew fi Sqallija kemm f'Malta ssir ukoll xi stedina lil qraba u ħbieb tal-għarajjes. Din tissejjaħ ir-"Rabta". Fost ir-rigali li l-għarajjes jagħtu lil xulxin ma' tul l-ewwel ġranet ta' l-imħabba huma mkatar bi qlub u bl-ewwel ittri ta' l-isem u l-kunjom irrakkmati. Jiġi li fi Sqallija (Palermu) lil xi għarus jistaqsuh: *E accusì quannu nni li manciamu sti cunfetti?*—fil-waqt li f'Malta, billi fl-irħula dak in-nhar tat-tieġ issir il-mejda u iktarx jittiekel ir-ross fil-forn, jiġi li l-għarus jistaqsuh: *U hekk meta sa nikluha dik iċ-ċappa ross?*

F'xi bnadijiet oħra ta' Sqallija u pajjiżi ta' Nofs in-Nhar ta' l-Ewropa lill-għarajjes huma u għaddejjin għad-dar wara t-tieġ it-tfal jixħtulhom ċiċri u lewż. Il-qraba u ħbieb jixħtulhom ħelu u qamħ. Hawn Malta dari, skond ma jgħidilna Abela, (Della Descrizione di Malta. Libr. II. Appendice. pag. 785, paragrafu 15.) l-għarajjes kienu jxerrdu fuqhom ix-xgħir u l-flus, u sa ftit żmien ilu f'xi rħula, il-qamħ u l-lewż. Il-lum għad hawn id-

drawwa li l-mistednin u l-qraba jixħtulhom ir-ross bħala xewqa ta' riżq. Din id-drawwa hija mxerrda wkoll fost ħafna ġnus ta' l-Ewropa, fosthom fl-Ingilterra.

Il-libsa tal-għarusa kienet tkun tal-lama, tila tal-ħajt tad-deheb jew fidda, drapp li għadu magħruf b'dak l-isem sal-lum. Abela jsemmi wkoll li fost l-oġġetti li kienu jinġarru x'ħin l-għarajjes ikunu sejrin il-knisja għat-tieġ kien ikun hemm ftira, b'żewġ figurini tal-għarus u l-għarusa fuqhom; din il-ftira kienet tissejjaħ *qarċilla*, dik li l-lum wieħed jista' jsejħilha *wedding-cake.*

Il-ħarġa hija waħda mid-drawwiet ta' wara t-tieġ: dik li l-għarus għandu, wara ż-żwieġ, jieħu l-għarusa f'xi festa kbira, li hi iktarx l-Imnarja. Fi Sqallija fil-kitba taż-żwieġ dan kien ikun ukoll wieħed mill-pattijiet, li jiġifieri ma' tul is-sena l-għarus jieħu l-għarusa għal xi festa.

Issa ngħaddu għat-twelid. Il-qabla fis-Seklu Sbatax fi Sqallija kellha l-isem ta' *suora*. F'Malta għandha l-isem ta' *majjistra*, fil-waqt li tissejjaħ ukoll *kummari* li taqbel sewwa sew ma' dik ta' *cummari* fi Sqallija u *comare* fl-Italja.

*Is-Santu Kruċ*, hekk kien xi żmien ilu jissejjaħ l-Alfabet li jitgħallmuh t-tfal għand in-nuna. Il-qawl tnissel mill-kelmiet *Santa Cruci* ta' *santa* bix-xbieha ta' salib b'alfabet madwaru fit-tieni faċċata ta' ktejjeb ta' xi 8 faċċati li kien jitqiegħed fit-tinjiet tal-fisqija tat-tarbija biex tħarisha minn kull deni. Biex it-tarbija jħarsuha mill-għajn kienu, u għadhom sal-lum, bħal fi Sqallija, idendlulha qrun ċkejken, idejn tal-qroll u labtu. Jekk it-tarbija titteewweb, ommha tagħmlilha bis-saba' salib fuq fommha biex it-tarbija ma tiblax xi ruħ ħażina. Jekk it-tarbija tagħtas tgħidilha: Ġesù! Meta tifel jaqa' ngħidu: *Qabad fenek*, kelmiet li jaqblu mal-kelmiet sqallin: *Pigghiò 'u cunigghieddu.* Kliem it-trabi huwa iktarx magħmul minn sillabi mtennijin b'konsonanti tax-xoffa, u tal-gerżuma qatt; b'konsonanti dentali meta t-tarbija tkun tellgħet is-snien: *Bumbu, barbar, abba, bobba, bambu, pappa, mimmi, ninni* u mbagħad ukoll *vavu, tetu, tuttu, żiżi.* Bħal dawn huma l-ismijiet imqassra vezzeġġativi, bħal: *Menu, Nenu, Fefu, Leli, Leli, Fifì, Ġoġò*, li joħorġu minn proċess fonoloġiku li 'l quddiem bi ħsiebni nfisser aktar fil-wisa' meta jkolli għalfejn nikteb fuq xi prinċipji ta 'fonetika Maltija. Dawn il-kelmiet huma mfasslin fuq dawk ta' ilsna oħra Ewropej, l-iktar Sqallin u Toskani u dan l-aħħar Ingliżi.

Għal dawk li huma drawwiet fil-Mewt, u kliem u qwiel msenslin magħhom, nistgħu nsemmu xi ftit, li huma dawn:

*Il-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim*. Dan il-qawl għandu rabta mas-superstizzjoni li hemm fi Sqallija li fil-Vjatku t-tfal huma ta' aħbar ħażina għax jidhrilhom illi "*il chiodo piccolo*", kif dlonk tisma' min igħid, "*possa cacciare il grosso*". Iżda sew fi Sqallija kemm f'Malta, it-tfal, malli jinstama' jdoqq għal Vjatku, huma l-ewwel nies li jitilqu jiġru biex jilħqu fanal tal-Vjatku.

Fuq il-mewt hemm ukoll imsensel il-ħsieb ta' dan il-qawl: *Il-għada li titrabba fiha, il-kefen biss ineħħiha* li jaqbel ma' l-Isqalli: *Lu viziu di la fascia la savanu lu leva*.

Il-kelma *tebut*, għalkemm għarbija naħseb li ħadnieha mill-Isqalli *tabbutu* fil-waqt ukoll li l-Isqallin għandhom il-kelma *vara* mit-Taljan *bara* bit-tifsira ta' bradella ta' l-istatwi. Il-kelma *vara* daħlet ukoll fil-Malti u ħadet it-tifsira ta' *statwa* f'purċissjoni, milli jidher mill-istatwa ta' Santa Rożalija f'Paliermu, imsejħa bl-isem ta' *vara*, billi l-istatwa tintrafa' fuq bradella fil-baxx fuq l-idejn flok fuq l-ispallejn.

Il-kelmiet Maltin: *Mur tmellaħ!* li għandhom mill-espressjoni l-oħra iżjed moderna tal-lum: *Mur għall-gass!* ġejja mid-drawwa qadima li missirijietna kienu, milli jidher, imellħu l-iġsma ta' xi mejtin bis-salnitru biex ma jitherrewx. Ta' din id-drawwa jidher li għad fadal xi ħjiel ta' fdal f'dik l-oħra li fuq iż-żaqq minfuħa ta' kadavru jitqiegħed platt *bil-melħ* li, kif jaħsbu, inaqqas in-nefħa li hija sinjal ta' therrija, drawwa li darba qrajt tinsab ukoll f'xi raħal ta' Cumberland.

*Vistu*. Illi d-drawwiet tal-vistu kienu u għadhom ukoll jimxu, jekk mhux f'kollox, iżda f'ħafna ħwejjeġ, ma' dawk tal-pajjiżi ta' l-Ewropa, u l-iktar ma' ta' Sqallija u l-Italja, hija ħaġa li ma tistax tiċħadha. Illi d-drawwa tal-*vistu* ħadnieha minn Sqallija turih il-kelma *vistu* stess u l-oħra ta' *vistuż*. *Iġġib il-vistu* taqbel ma' l-oħra: *portari visitu*, *tilbes l-iswed*. Il-kelmiet *vistu*, *vistuż* tnisslu mill-għada illi wara l-mewt in-nies tad-dar iżuruhom il-ġirien u l-ħbieb biex jagħtuhom l-għomor. Bi traslat jew metafora l-kelma *vistu* qagħdet ukoll għal-libsa sewda u *vistuż* għal min jilbisha.

*Lu mortu è cu li morti; nunsi nni parra cchiu* jgħid l-Isqalli fil-waqt li l-Malti tgħallem igħid ukoll: *Il-mejjet mal-mejjet*, u dan jurina kemm f'dil-ħaġa, kif ukoll fi drawwiet oħra, il-Lsien Malti ssellef qwiel u ntgħaġen bi ħsibijiet fuq dak ta' l-ilsna

romanzi, kif ukoll dawn l-aħħar mitt sena u fuqhom, fuq xi drawwiet u frażijiet Ingliżi.

Qabel ma nagħlaq din it-taħdita nislet xi ftit qwiel Maltin minn ta' Vassalli (*Motti, Aforismi u Proverbi Maltesi*) u nqabbilhom ma' oħrajn ta' lsna barranin.

*Aktar ma tikber aktar titgħallem*—Vivendo s'impara. *Il-ħanżir jekk taqtagħlu denbu dejjem ħanżir jibqa'*—Tagli la coda al cane e rimane. *Kul għal qalbek u imxi għal għajn in-nies*—Mangiare a modo suo vestire a mo' degli altri. Dan jixbah il-qawl Għarbi li jgħid : *Kol ma jarda ħaterak wa albas ma jogħġeb annas.* (Vassalli, *Motti, Aforismi*, ecc. p. 52) *Min jiddawwar ma jilħaqx*—Chi tardi arriva male alloggia. *Il-bniedem ma tafux qabel tiekol bosta melħ miegħu*—Prima li scegliere l'amico bisogna averci mangiato il sale sette anni. *Aħjar ħarba minn karba.* Il-Għarbi jgħid : *Alhariba nosf elmarġla;* (Vassalli, *Motti Aforismi* ecc. p. 4) u l-Ingliż : *Prevention is better than cure.*

Xi proverbi Ewropej dwar it-Tempijiet, l-Istaġuni, ecc., jaqblu wkoll fil-Malti, fosthom dawn : *Jekk il-qamar ta' Settembru jimla bix-xlokk, jagħmel xlokk seba' xhur tas-sena*, li jixbah lil dan : "Alla luna settembrina sette lune se le inchina", li millbanda l-oħra jaqbel ukoll ma' l-Isqalli : La luni di Setteminu cuverna sei luni. *Fix-xahar ta' Frar (qrib il-ħarifa), jinkixfu l-agħwar*, li jaqbel (għalkemm mhux sewwa sew) mat-Taljan : "A primavera vengon tutte le magagne". *Raff sħab bi rjus, ragħad u beraq stenna* li jaqbel ma' : "Aria a fette, lampi a saette". *Sema naqxet il-fekruna, jew xita bilqliel jew riħ fortuna*, li għandu mill-ieħor : "Aria a scalelli, acqua a pozzatelli". *Qabel il-Milied la bard u la ksieħ* (jew *la ġwieħ*), li jaqbel ukoll ma' dan l-ieħor : "Avanti Natale ne freddo ne fame."

Ma' dawn nistgħu nżidu mbagħad dawk il-qwiel l-oħra li f'ilsna oħra ewropej, fosthom fl-Ingliż, jaqblu wkoll sew mat-Taljan u Sqalli, kemm ukoll mal-Malti u li ma ssibhomx bilġri fil-Għarbi, qwiel li juruna l-libsa ġdida sew fil-ħsieb kemm fil-frażjoloġija li biha l-Malti nkesa sa mit-tbexbix taż-Żminijiet tan-Nofs.

Fost dawn fl-Ingliż insemmi : *An ass must be tied where the master will have him.* Bil-Malti ngħidu : *Orbot il-ħmar fejn igħidlek sidu. He that blames would buy.* Bil-Malti : *Min imaqdar irid jixtri. A bird in the hand is worth two in the bush.* U bil-Malti : *Aħjar għasfur f'idek minn mija fl-ajru. Button to*

*chin till May be in; cast not a clout till May be out.* Dan għandu mill-qawl li jingħad fil-pajjiżi taż-zona tan-Nofs, fosthom fl-Italja u fi Sqalija. *Prima di San Giovanni non si cambiano i panni.* u hawn Malta: *Qabel il-ħġejjeġ la tbiddilx il-ħwejjeġ*, jiġifieri f'Gunju li jaqbel mad-drawwa ta' pajjiżi bi klima li taqbel ma' tagħna. *Tell me with whom you goest and I will tell you what thou doest*, li jaqbel ma' tagħna li jgħid: *Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek min int* u bħalu ngħidu wkoll: *Ma' min rajtek xebbahtekli* joqrob lejn dak fit-Taljan: *Non s'appaiano se non s'assomigliano* li jwieġeb ukoll ma' l-Ingliż: *Birds of the same feather flock together. Min jobżoq għas-sema jiġi f'wiċċu* li sewwa sew joqgħod mal-Ingliż: *Who spits against Heaven it falls on his face.* *Arfa' u sorr għal meta tiġi bżonn* li nsibuh ukoll fl-Ingliż li jgħid: *Lay things by, they may come to use.*

Jaqbel imbagħad sahansitra mal-Latin il-qawl li jgħid: *Il-magħmul tqisu tista', iżda le ssewwih* li nsibuh fil-qawl ta' Sallustju: *Praeterita reprehendi possunt: corrigi non possunt.*

Iżda għalkemm la t-Temp u lanqas il-Biedja ma jaqblu ma' dawk tal-pajjiżi ta' Fuq, insibu li xi qwiel ta' dawn jaqblu wkoll ma' tagħna u għalhekk ukoll ma' tal-pajjiżi Ewropej tan-Nofs.

Fi Sqallija, kif ukoll f'Malta, għad hemm il-qawl li jgħid li jekk fil-Kandlora ma jberraqx u ma jriegħedx, ix-xitwa hija barra, iżda jekk iberraq jew iriegħed ix-xitwa għandha 40 ġurnata oħra. Dan it-twemmin li jagħmel mat-temp ta' l-istaġun tax-xitwa u mad-dewmien tiegħu fil-pajjiżi ta' l-Ewropa tan-Nofs insibuh ukoll f'xi pajjiżi ta' l-Italja, Franza u Spanja, u għalhekk, iktar u iktar f'Malta fejn il-qawl Sqalli magħmul minn strofa ta' ħames versi twal f'Malta tħassar u qsar b'mod li filħalq tal-poplu ma nisimgħux ħlief il-bidu ta' l-istrofa bl-aħħar kelmiet tat-tielet u r-raba' vers, jiġifieri l-kelmiet:

*Primalora, Kannilora, xitwa fuora.*
*Primalora, Brasilora, "quaranta giorni ancora."*

Fl-Ingilterra nsibu wkoll xi ħjiel ta' dan il-qawl li jgħid ilmaqlub ta' dak li jgħid fil-Malti:

*If Candlemas Day be fair and bright,*
*Winter will have another flight;*
*But if Candlemas Day bring clouds and rain,*
*Winter is gone and won't come again.*

(*Jissokta*)

# KIF SARU L-INNIJIET— "TA' FILGHODU", "TA' FILGHAXIJA", "TA' MEJJU" U "TA' ĠUNJU JEW TAL-QALB TA' ĠESU'."

Ta' Dun Karm

KIEN ix-xahar ta' Awissu tas-sena 1916, żmien il-Gwerra l-Kbira, u jiena kont qiegħed ingħaddi ftit ġranet mill-btajjel tas-sajf mal-Patrijiet ta' San Franġisk fil-kunvent tagħhom, fil-Parroċċa ta' San Pawl-il-Baħar.

Għodwa waħda — kien il-Ħadd — wara l-quddiesa kantata, ħriġt, kif kont imdorri nagħmel, fit-triq quddiem il-knisja, fejn konna niltaqgħu xi erbat iħbieb u ngħidu xi ħliqa għad-dell ta' dar biswit il-kunvent, xħin nilmaħ lil Mons. Ferris, li kien kappillan tas-suldati u kien iqaddsilhom Għajn Toffieħa, ġej bi ktieb ċkejken f'idu, u kif resaq lejja qalli: Dun Karm, jiena ġej minn Għajn Toffieħa, fejn mort inqaddes lis-suldati; oh kieku taf, Dun Karm, kif igħaxxquni meta jkantaw dawk l-innijiet tagħhom, hekk sbieħ fil-kliem, u hekk ħelwin fil-mużika! U kif qalli hekk, fetaħ il-ktieb li kellu f'idu, qegħedhuli quddiemi u, fil-waqt li jiena qrajt xi ħaġa, issokta jgħidli: Kieku inti tikteb xi ftit innijiet bil-malti li jkunu jistgħu jitkantaw mill-poplu fil-knejjes, f'xi proċessjonijiet jew xi bnadi oħra, ma tkunx ħaġa sabiħa li tista' tagħmel ġid bla tarf, billi n-nies jitgħallmu jfaħħru 'l Alla kif jixraq u kif imiss?

Jiena weġibt: Għandek raġun biex tbigħ, Mons.; imma x'jiswa li jiena nikteb xi innijiet, u nikteb l-aħjar li nista', biex ma jkunux agħar minn ta' ħaddieħor, jekk imbagħad ma jkolniex min iqegħedhom f'mużika li tixraq? U, jekk issir il-mużika, min igħallimhom lill-poplu, biex kulħadd ikun jista' jkantahom? Din il-ħaġa tista' ssir biss bi ftehim mal-Gvern, biex l-innijiet jidħlu fl-iskejjel ta' Malta kollha, u hekk titla' ġenerazzjoni li tkun taf tkanta dawk l-innijiet u bil-mod il-mod dawn jidħlu wkoll fil-knejjes.

— Sewwa qiegħed tgħid, qalli; fetaħ idejh bħal min jara tisfalu fix-xejn tama sabiħa, u t-taħdita waqfet hemmhekk.

Għadda ż-żmien, kellna l-kostituzzjoni, u fl-1927, Mons. Ferris kien Ministru ta' l-Edukazzjoni. U ġurnata waħda kif kont għaddej mill-pjazza tal-Belt, nilmħu ġej fuqi, bil-pass ak-

tarx imgħaġġel, u sejjaħli: "Mons.!" Jiena waqaft, ħarist f'wiċċu, u għidtlu: "Naf x'sa tgħidli."

— "Xinhu?" qalli.—Sa tgħidli fuq dawk l-innijiet li semmejna darba San Pawl-il-Baħar.

— Dan, qalli, kif sata' jiġi f'rasek wara daqshekk snin?

— Għax jiena, għidtlu, ħaġa tajba u sabiħa ma ninsihiex malajr.

— Kollox sewwa, issokta; mela issa nistgħu nagħmlu xi ħaġa?

— Nistgħu, għax issa l-iskejjel huma f'idejk, u t-tfal kollha jkunu jistgħu jitgħallmu dawk l-innijiet li nagħmlu għalihom.

— Sewwa wisq. U biex jaqbel nibdew?

— Jiena kont nibda b'innu ta' filgħodu u ieħor ta' filgħaxija; l-wieħed jitkanta qabel jibda t-tagħlim filgħodu, u l-ieħor qabel ma joħorġu t-tfal mill-iskejjel wara nofs in-nhar.

— Tajjeb ħafna: u għall-mużika min taħseb li jista jindaħal?

— Naħseb li s-Surmast Ġużeppi Caruana, dak li kiteb il-mużika ta' l-innu ewkaristiku "T'Adoriam Ostia divina", jista' jaqdina sewwa.

— Tajjeb wisq; imma jien ma nafux, lil Caruana; tista' taraħ int?

— Naraħ jien, għidtlu; u nfridna.

Biex ma ntawwalx, jiena sibt lil Ġużeppi Caruana, fissirtlu **l-ħsieb tal-Ministru, u sar il-ftehim** li jiena nikteb il-versi u hu jikteb il-mużika, kemm jista' jkun tagħti għall-widna, biex it-tfal jitgħallmuha malajr: u hekk ħarġu l-ewwel żewġ innijiet—"Ta' Filgħodu" u "Ta' Filgħaxija".

Il-Ministru tgħaxxaq bihom, u mħajjar għal xi oħrajn qalli: Issa nibqgħu b'dawn?

Le, għidtlu; issa niktbu wieħed lill-Madonna għax-xahar ta' Mejju: u fi żmien qasir ħareġ it-tielet innu, "L-Innu ta' Mejju" li l-ħlewwa tiegħu saħħret lil Mons. Ferris, li bil-ħrara kollha tennieli: Issa nibqgħu b'dawn?

Le, weġibtu; issa wieħed lil Qalb ta' Ġesù, biex jitkanta fix-xahar ta' Ġunju. U hekk ħareġ ir-raba' innu, dak li għadu jinsama' kull-imkien fix-xahar tal-Qalb ta' Ġesù u f'ħafna ħabtiet oħra. Lill-Ministru għoġbu fuq li għoġbu, u biex iduq u jtiegħem sewwa l-ħlewwa ta' dawn l-innijiet, talab lis-Surmast Ġużeppi Caruana li jhejji daqsxejn ta' kunċert bil-kant ta' tfal magħżulin mill-iskejjel u ta' nies tal-professjoni, akkumpanjati minn orkestra żgħira.

Is-Sur Caruana ntafa' bil-heġġa kollha għal din il-biċċa xogħol; għażel tfal mill-iskejjel tal-Kottoniera, tal-Florjana, ta' Tas-Sliema u tal-Belt, ħarriġhom tajjeb, u l-kunċert sar fl-Iskola ta' Sant'Jiermu—illum jaħasra ħerba—b'xi mija u ħamsin leħen ta tfal, bniet u subien, ma' xi erba' tal-professjoni.

Kull min kien mistieden u sama' l-mużika ta' dawk l-innijiet, mużika li tmur dritt fil-qalb, itgħaxxaq, u ma satax jispiċċa l-ferħ u ċ-ċapċip ta' l-idejn lis-Surmast Caruana.

Mons. Ferris kien barra minnu n-nifsu bil-ferħ, għax ra li x-xewqa tiegħu, imwielda fis-sikta ta' Għajn Toffieħa kienet issa mitmuma aktarx f'sura isbaħ milli hu sata' qatt jistenna.

Biex ifisser dan il-ferħ tiegħu, Mons. Ferris kitibli ittra fejn iżża hajr lili u lil Ġużeppi Caruana minn kulma konna għamilna biex inwettqu x-xewqa tiegħu, ittra li turi t-tqanqil ta' qalb li hu kellu fil-waqt li kien qiegħed jiktibha.

Għajb, jaħasra, li wara ftit taż-żmien dawk l-innijiet inqatgħu mill-iskejjel li għalihom kienu miktuba. Ewwilla kienu jtellfu ż-żmien lit-tfal? Ma naħsebx, għaliex ftit minuti mgħoddija f'tifħir u talb 'l Alla qabel wieħed jibda x-xogħol tiegħu u wara li jtemmu, ma jistax jissejjaħ telf ta' żmien.

Iżda dan il-għajb ma kienx għal dejjem: u dawk kollha li kienu ħabbew lil dawn l-innijiet, itgħaxxqu mhux ftit meta, dawn il-granet waslet l-aħbar illi Mr. J. Brennan, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, qiegħed iħabrek biex il-kant ta' dawn l-innijiet jarġa' jidħol fl-iskejjel kollha.

Oh! inħobbuha dejjem lil Malta tagħna u nħobbuhom lill-ħwejjeġ sbieħ tagħha!

---

## IL-GHOLJA

*Wieqfa,*
*u rasha,*
*bajda, sabiħa,*
*titbewwes fis-sema*
*ma' sħaba li tgħannaqha*
*bil-ħlewwa... li tħajrek tmur ħdejha,*
*'Mma xħin tixħet riġlejk fuq il-għolja,*
*tagħraf kemm tiswa tbatija l-imħabba...*

Dun Frans Camilleri.

# *S U N E T T I*

## *I*

*Nixtieqni rieqed hiemed, hemm fuq dgħajsa,*
*nixxaħxaħ taħt ix-xemx ma' l-ilmijiet ,*
*taħt sema safi, jiddi fuq Bengħajsa,*
*imtajjar fuq ir-raxx tal-ħsiebijiet...*

*W' ghal dell is-sħab bla nikta, safi, jterter,*
*inħares ġwejjed taħt firxet il-qlugħ,*
*li tofrogħ, timla, togħla, tinżel, tperper,*
*bħal mewġ imkaxkar, 'l hinn mix-xtut maqtugħ.*

*Hemmhekk taħt l-iżraq, tfewweġ ħiemda l-fewġa;*
*u jgħaddi baxx il-gawwi, qtajja', qtajja';*
*iżerżer ta' mħabbietu, fuq il-mewġa,*
*l-għanja lubiena li ghallmitu l-ħajja...*

*O, ejja mmorru, ghaliex hemm bla ħtija,*
*tagħnet il-ħajja, tagħnet mingħajr dmija!*

## *II*

*Ghajjien, Mulejja, nħossni: t-telqa mejta*
*tad-demm li jnin ġe' fija, qed itfawwar*
*tqila ma' ġismi—qisni qiegħed f'bejta*
*ta' ngħas xaħxieħi, fejn il-ħolm jissawwar.*

*Il-lum jien ghadni dieħel fiż-żgħożija:*
*f'qamar in-nar ħarqien ta' mitt elf ħeġġa;*
*ta' mħabba ta' kull lewn, f'kull daqs qawwija,*
*imjassra b'niggiżiet ħarxa bħal vleġġa...*

*Il-lum imissu l-baħar sħiħ tal-ħajja*
*jimla fid-dija tax-xemx ratba u bnina,*
*jofroq il-medda tax-xtajtiet u l-plajja,*
*u jfarrak kull ilġiem, kull rabta rżina.*

*'Ma l-lum fuq ħajti jnewnem, qamar, qiegħed*
*fuq xfar id-dlam—u d-dawl jasal imriegħed.*

W. P. Gulia
*(Student: Kors Akkad. tax-Xjenza)*

# IRXIEX U QAWSALLI

*Tektik ta' rxiex inħoss qed iraqqadni,*
*U ż-żiffa fuq ħaddejja*
*Titliegħeb miegħi, tinbex, tinbex fija*
*Biex ma nagħlaqx għajnejja.*

*Tkun tridni nara l-mewġa kaħlanija*
*Kif dieħla tkun minn barra.*
*Iddoqq u tgħanni l-għanja li taf tgħanni*
*Spanjola bil-kitarra.*

*L-għejjun ċħirsa b'leħen ċar tal-fidda.*
*Iċ-ċgħak bħal kor imbiegħed,*
*L-għadajjar ħemm jogħnosu jew jitniegħdu.*
*Il-ward jitbekka mriegħed.*

*Eluf ta' sħab għarajjes liebsa l-abjad*
*Bħal ġilji tal-widien,*
*Id f'id qed jiżfnu u jidħlu 'l ġewwa jiġru,*
*Imbagħ'd ma jidhru mkien.*

*Il-weraq saru slaten bil-kuruna*
*Mimlija ħaġar żgħar;*
*Il-blat: kristall u mirja; l-art imkesksa:*
*Blanżuni, tlief, u nwar.*

*Maċ-ċinct nieżla frenża kollha bozoz*
*Midmuma ġewwa x-xejn,*
*B'nifs ħelu r-riħ sikwit iwaqqa' waħda*
*U tmurlek, min jaf fejn!?*

*Irxiex, irxiex, ix-xemx u x-xita f'daqqa,*
*Dwal, raġġi u dellijiet.*
*Iwarrad il-punent peprin u vjoli*
*Fil-ġonna tas-smewwiet.*

*Titfaċċa x-xemx, biswit, ġo loġġa tidher*
*Miniera deh'b zekkin;*
*Tistaħba u l-għabra tilma dlonk tissawwar*
*Fi xniexel imdendlin.*

*Saħħara, żibġa mbaċċa kollha swaba',*
*Mas-siġra bilġri daret,*
*Imlietha ħjut u żigużajgi jleqqu,*
*Hallietħom hemm u għabet.*

*Kastelli kbar ta' l-alabastru fl-għoli*
*Ġox-xefaq lejn il-lvant*
*Qawsalli sbieħ 'il fuq minn dawn jixxerrfu,*
*Imżejna bl-isbaħ mant.*

*Għajnejh kulħadd qalagħhom, kulħadd mgħaxxaq,*
*Tpespis, tisfir, tperpir,*
*U l-għajta wħidha toħroġ tiġri tiġri:*
*"Imm' Alla kemm hu kbir!"*

MARY MEYLAK

---

## KELMET IL-KOBOR

*Hija l-għażiż, illum m'għadx għandek biża'*
*Tistqarr min int—bħalma għamilt f'xi jiem:*
*Kont tistħi dari u tilgħab wisq bil-kliem;*
*Il-kelma "Malti", fost l-oħrajn, taqbiżha.*

*Le! kun iljun (u għandek biex), tkunx wiżgħa:*
*Stqarr: "Jiena Malti." b'wiċċek minn quddiem!*
*Taf li l-barrani llum iroddlok sliem*
*U l-ebda klejma 'l-Gżira ma tniggiżha.*

*Il-ġieħ bla tebgħa u Malta mhix mimsusa!*
*Qalbiena wliedha u ma jibżgħux min-nar!*
*Għalhekk kif toħroġ minn ġo fommok, busha*

*Il-kelma "Malti"—isem ġens l-azzar!*
*Ma tinkiserx u ma tiksrekx, meqjusa*
*Kif inhi llum: mhix kelma tal-fuħħar!*

ALBERT M. CASSOLA.

## MANIKOMJU

*Ftaħt fuq id-dinja r-Radju, biex b'widnejja,*
*Nitkixxef tal-ġnus fl-art il-ħsebijiet,*
*W in-nisġa tal-fehmiet f'moħħom għaddejja,*
*F'dit-taqliba ta' qilla u ta' qerdiet.*

*Fuq il-ħġieġa bid-dawl, sammart għajnejja,*
*U ġrejt 'il fuq u 'l isfel ma' l-ibliet;*
*U smajt illhna mħawdin u kliem ta' nkejja*
*Ta' tmaqdir u theddid, ta' ħjiena u ġlied.*

*Donnhom tilfu l-bnedmin it-trieq tas-sewwa*
*W id-dawl tad-dehen u tal-ħajja t-tmun*
*U waqgħu imjassrin f'kull qerq ta' dnewwa.*

*Quddiem ir-Radju jgħajjat bħal miġnun,*
*Stħajjiltni quddiem bieb ta' sptar bla qies:*
*Id-dinja l-Manikomju, l-morda n-nies...!*

*20 ta' Diċembru, 1943.* P. Ġ. DELIA, S.J.

---

## TWELIDT

*Lil bin Alessandro Habela...*
*Ta' "Taħt Tliet Saltniet".*

*Twelidt minn omm Maltija bint ir-raba'*
*Li wirtet l-għana mill-agħsafar ġwejda*
*Li għandha ferħ ġewwieni, ferħ bix-xaba',*
*U taf tgħid kliem ta' ħlewwa, kliem ta' fejda.*

*U minn missier bil-għaqal, wild iblietna*
*Iben il-għonja, f'saħħtu, kollu ħajja*
*Bin omm il-kotba, bin dik l-omm li sqietna*
*Bil-għerf tax-xjenza, t'arti wkoll tal-ġrajja.*

*Għalhekk int ward ta' xitla sbejħa, bnina,*
*Ta' żewġ ħajjiet imwaħħda ġo l-imħabba*
*Ta' żewġ ulied ta' dina l-art ħanina,*
*Li hienja tilqgħek fiha biex titrabba.*

*Int bin il-fqir u l-għani—frott imbierek.*
*Mhux li din Malta jkollha Binha bħalek.*

ANTON AZZOPARDI
*(Student: Kors Akkad. tal-Letteratura)*

# *SEARCHLIGHTS . . .*

*Hemm, fil-bierah tas-sema li jwahhax,*
*x'intom tfittxu, hosbiena, ja dwal?*
*Tigri magħkom il-harsa taż-żgħażagħ,*
*l-ommijiet qegħdin jibżgħu mat-tfal!*

*Mhux bhal dari, l-mistrieh biex tagħtina,*
*regħet niżlet, għidu intom, ix-xemx?*
*Għaliex, mela, f'dil-kesha hrigtuna?*
*M'hemmx mistrieh, din il-lejla, le, m'hemmx?*

*Konna rqadna bil-għeja mifnija,*
*konna rqadna ma' wliedna bil-ġugħ,*
*konna rqadna ma' hutna mirduma,*
*konna rqadna taht saqaf miftuh...*

*Għaliex, mela, mill-ġdid qajjimtuna?*
*Ġibtu l-hobż biex inxebbgħu l-ulied?...*
*Xi thabbrilna dijitkom fis-sema?*
*Sejra tieqaf dil-qerda li bdiet?...*

*Ma narawx fid-dawl tagħkom it-tama*
*li ttaffilna d-dmugħ tagħna u l-uġigħ,*
*Ma jdawwalx id-dawl tagħkom lil artna;*
*Tridu ddawlu s-smewwiet minn dal-qiegħ?...*

*Għax jien nibża' li l-bniedem q'ed jahseb*
*li l-għerf tiegħu, bla tarf, ma jintemmx*
*U b'hekk tkabbar. Min jaf fejn sa jasal?...*
*Jithajjarx johloq isbah mix-xemx?...*

*X'jiena ngħid? X'intom tfittxu? U... x'intilef?...*
*Ibqgħu fittxu, ibqgħu fittxu, ja dwal.*
*Tlifna l-Paċi... Meta ahna nsibuha,*
*intom titfu: u nifirhu mat-tfal!...*

Dun Frans Camilleri

# *SILTIET MIT-TAGHLIM TA' BUDDA*

*Fil-Malti tal*-Prof. Ġ. Aquilina

*Budda, jew kif jissejjaħ ukoll Gotama, twieled xi 500 sena Q.K. fl-Indja minn familja għolja. Taha għall-ħajja kontemplativa u bid-dawl tar-raġuni naturali biss għallem xi ħwejjeġ sbieħ tassew. Il-filosofija tiegħu tfittex it-triq tal-hena billi taqta' l-bniedem mill-frugħat u twasslu, wara dil-ħajja, li hi bħala kastig fiha nfisha, għal oħra fejn il-bniedem ma jibqax jinkwieta ruħu bl-ambizzjonijiet u xewqat li qatt ma jħalluna siekta. Din hi "Nirvana", imma dawk li f'dil-ħajja jagħmlu l-ħażin, jerġgħu jitwieldu f'ħajja oħra wara l-mewt u hekk jibqgħu dejjem imħabbtin għax ma jidħlux fin-"Nirvana". Tabilħaqq, skond Budda, f'din il-ħajja kull wieħed minna qiegħed ipatti għal xi ħtija ta' għamilu qabel twelidna f'ħajja oħra li ma għadniex niftakruha. Imma jekk nidħlu fin-"Nirvana" ma nibqgħux nitwieldu u nistrieħu darba għal dejjem. F'din is-silta Budda jagħti xi tagħlim li bid-dawl tar-raġuni biss jaqbel ma' tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu, l-Imgħallem li bena r-Reliġjon ta' l-Imħabba fuq ir-Raġuni mgħaqqda mar-Rivelazzjoni.*

Mhux bil-mibegħda tintrebaħ il-mibegħda imma bl-imħabba.

Min jixtieq jilbes il-lbsa s-safra (jiġifieri jsir patri) mingħajr imma ma jinża' d-drawwiet ħżiena, ma jixraqlux jilbisha dik il-lbsa.

Bħalma x-xita tinfed minn saqaf mhux mitbuq sewwa, hekk il-passjoni tinfed minn moħħ mingħajr għaqal.

Il-bniedem li hu għaref fil-liġi tas-ewwa imma hu nnifsu ma jagħmelx is-sewwa, jixbaħ lir-ragħaj li joqgħod igħodd in-nagħaġ ta' ħaddieħor.

Iżżomx bi ħbiebek nies li jgħixu ħażin u ma jagħmlux is-

sewwa; iżda agħżel il-ħbieb minn fost dawk li jgħixu kif jixraq u jaħsbu għoli.

Wisq aqwa li tirbaħ lilek innifsek milli tirbaħ lil ħaddieħor. Lanqas alla jew Mara (ix-xitan) ma jista' jibdel f'telfa rebħa li bniedem jagħmel fuqu nnifsu.

Bħalma l-ġilju jikber fuq miżbla u minn hemm ixerred il-fwieħa tiegħu, hekk id-dixxiplu ta' Budda ixerred id-dawl tiegħu fost in-nies li jimxu fid-dlamijiet.

Sa l-allat igħiru għall-bniedem li jaħkem is-sensi u l-passjonijiet tiegħu bħalma jaħkem iż-żwiemel.

Aħjar kelma bil-għaqal minn elf mingħajr għaqal.

U la fl-ajru, u la f'qiegħ il-baħar jew fi xquq l-iġbla ma jirnexxilek taħrab mill-mewt.

Kull min għalih id-dinja mhix aktar minn bużżieqa ta' l-ilma, il-biża tal-mewt ma jistax għalih.

Bniedem mhux għaref għaliex jitħaddet ħafna.

Bniedem ma jsirx Brahman (qassis) imħabba d-dfir ta' xagħru, it-twelid, jonkella l-familja tiegħu. Hu Brahman min iħobb is-sewwa u l-ħaqq.

Brahman mhemm xejn li jgħid li jista' hu tiegħu, għax ma għandux irbat ma' l-imħabba tad-dinja.

Min isawwat lil min ma jsawtux u jweġġa' lil min ma jweġġgħux, iġib fuqu ħafna kastigi.

L-ewwel il-bniedem għandu jintefa' għas-ewwa mbagħad hu jgħallem lil ħaddieħor.

Iġibu għira lill-allat dawk in-nies i ma jitgħażżnux, jagħmlu l-meditazzjoni, huma bil-għaqal u jħobbu jitwarrbu mid-dinja.

Mistenbħin huma dawk li ma jagħmlux il-ħażen imma l-ġid u mistrieħ lil moħħ.

Iż-żina ma għandhiex xaba'. Għaref hu min jagħraf li tgħaddi malajr, u ma tħallix wara jha ħlief niket u ħsara.

Min ifittex il-mistrieħ tiegħu f'Budda ,it-Tagħlim u fis-Samga (knisja) tabilħaqq ifittex mistrieħ tassew.

Min jiekol ħafna u jeħxien, min iħobb jorqod u jitgħażżen ma jagħmel xejn bħal ħanżir mitmugħ tajjeb, jibqa' jitwieled u jerġa' jitwieled (jiġifieri qatt ma jasal f'Nirvana fejn jistrieħ il-bniedem wara din il-ħajja).

# *MOHH TAJJEB*

Ta' Rikardu Mifsud Bonnici

FIL-GWERRA l-kbira, il-Hakem tal-Gżira ħareġ bandu, li l-bejjiegħa kollha tal-ġwies b'irfus għandhom jiktbu kull ma jtellgħu mix-xatt u li jbigħu, b'dan igħarrfu wkoll lill-gvern bil-miktub.

Żeppi ż-Żmajmoċċ minn Bur-Marrod, ma ħabbilx rasu b'amar il-Hakem.

Żeppi kellu miegħu raġel sewwa u bin is-sewwa; Vitor il-Mellieħi, li kien jiktiblu xi ħaġa tad-djun u jagħmillu l-iswed fl-abjad meta l-midjuna kienu jħallsu dak li sidu kien isielhom.

Vitor ma kienx lura sa barra fl-iskola, billi kien għal qassis, iżda t-toqol tal-vjeġġ qatagħlu qalbu u żdinga; lil Peppi kien jaqdih, u dan jeħtieġu.

Meta Vitor qralu t-twissija biex jibgħat bil-miktub f'Dejr il-Hakem tal-Gżira, il-bejgħ u x-xiri tal-iġwies, tfantas u ma niżlitlux: qallu: "U dan fejn irridu nibagħtuh?"

"Il-Bibljoteka", wieġbu Vitor.

"Ma nibagħtu xejn".

"Jekk ma nibagħtux aħjar għalija, għax innaqqas mix-xogħol; iżda Pepp... Il-ħmar orbtu fejn igħidlek sidu".

"Isma' Vitor, aħna wara Alla ma għandniex sidien, għajr il-bhejjem, għax l-ewwel ma nagħalfu lilhom, u qegħdin magħhom bħan-nar max-xama'; naħdmu iżjed milli nifilħu! Dan fadal issa... nżidu l-kitba! Għax ma għandux ikollna rajna f'idejna? Is-sabreċ! Il-gvern fejn jidhirlu ma jgħabbiniex bis-sisa? U l-ġwies ma nħallsuhx bil-qoddiem!

"Qis qiesek", iżda meta tkun fiż-żifna, inti jkollok tiżfen".

"Meta nkunu f'dak il-baħar ngħumu...... jien għandi nifsi twil, u x-xatt nilħqu, hekk jew hekk."

Żeppi baqa' jixtri u jbigħ biċċa sewwa kif daqqlu rajh. Għaddew xahar, għaddew tnejn...... wara xi tliet xhur waslitlu risla oħra mill-Belt biex jinżel sal-Bibljoteka għax iridu jkellmuh.

"Issa x'ser nagħmlu?" qallu Vitor immasħan u mbergħen.

"X'inti titbażża', Vitor, hux nhar it-Tnejn iridu jkellmuni? Jekk Alla jamar it-Tnejn hemm inkun."

"Iżda kif ser teħles minn dil-bixkla?" Il-liġi mhix lastku. Jekk għandek ħila tagħmilha ta' baħnan, jista' jkun li ddabbar

rasek, għax l-iblah ma jħallasx dwana, mill-bqija ma għandekx bieb mnejn toħroġ!

"Min għandu n-nagħaġ għandu l-ġild u min għandu n-naħal għandu r-riħ", reġa' Żeppi.

"Mela ġej miegħi; moħħ tajjeb irid ikun; turi ħaġa b'oħra, bħall-oqbra mbajjda", wieġeb Vitor b'ħarsa li tfisser fehma qawwija."

"Jien notnos(1) u nilżem(2) dejjem f'fehemti, għax mill-bieb jew mit-tieqa rrid noħroġ".

Iż-Żmajmoċċ kien raġel qisu mramma, jiflaħ daqs gendus, twil u oħxon, wiċċu mfaqqa' u mgħaddam, kemmxejn mismut, għajnejh imbissma dejjem, u jidħku jew jibku kull x'ħin irid hu; ġbinu għoli u għalkemm maħruq bix-xemx iżda mxarrab bid-demm; mustaċċih ħfief u mitluqa għal fuq xofftejh, u minn moħħu ġor-raħal, ħadd ma kien igħaddih. F'dan iż-żmien li qegħdin insemmu, Żeppi kien fl-aħjar tiegħu, ilaħħaq iż-żewġ għexieren b'xi sena jew tnejn imxellfa.

"Għidlu l-Qandli" rama' jredden u jħammem Żeppi, "aħjar jerfa' salibu! Ara nafuhx lil Salvu? Hu ħa ħsiebi...... biċċa deheb mastizz...... minn kull qatta għandu ħemel u minn kull qoffa għandu miżbla! Mhux għax jien ser inqill għal Salvu, hu jrid jagħmilli l-ħsara u din m'hi tajba għal ħadd...... iżda l-lġiem ta' Dini jġagħalni naħfer, għax inkella b'rasi jdur 'l hinn mill-qabar! Missieri darriena fil-Hdud u l-Btajjel inqumu minn sbiħ Alla nisimgħu l-Awrora għad-dlam, u l-qassis mhux darba u tnejn u tlieta fissrilna kemm-il darba fuq il-maħfra tal-għedewwa, illi jekk ma naħfrux lanqas Alla ma jaħfrilna! U darba taf x'qal hux?... "Kristu għallimna l-Missierna, biex nibqgħu niftakru dejjem u nistqarru b'ilsienna, illi bil-kejl li naħfru, b'dak Alla jaħfrilna Maħfra b'Maħfra!" Fl-aħħar mill-aħħar, billi l-Qandli ħema u xela għalija, lili ma għamilli xejn; għax naf kif għandi noħroġ min-nasba.

"Mela Żepp mur", qallu b'żegħila tal-fomm Vitor, qis li għal xi d-9 tkun il-Bibljoteka... u ħares: skiet qabri, u kif ftehemna; isma' minni.

"Nisma' ngħid! Is-smigħ ma fihx irfigħ, u la ħsilt ħsibt hekk, hekk notnos, fehemti ma nbiddilhiex. Habat tajjeb il-lant! Sewwa sew it-Tnejn għandi xi 35 ħemel silla, minn fuq "Ta' Bilwien" u jien u Gawdenz sat-8 nkunu meddejniehom ġol-għorof tar-razzett; iċ-Ċuplajs bieżel u ħafif kemm tridu... Alla jbierku qisu berqa! Hu jarma l-bagħal u jien inxedd il-moħor... u nagħmillek tajjeb, Vitor, li l-baqra ma toħroġx bil-

ħabb, u mit-tabxa noħorġu b'wiċċ il-ġid; malli neħilsu missilla, kif inkun imħaxlef u mxewlaħ qisni qagħbur, nitlaq ma' Gawdenz; lilu nħallih jittennieni wara ta' Putirjal u jiena nerħilha lejn il-"Puplutieka".

"Iva; u staqsi għal dan:" Vitor newwillu karta f'idu...... u bil-behem(3) u l-werrej(4) għafas xofftejh, bħalkieku, wissih: kliem ma' ħadd.

"Halli f'idejja", wieġbu Peppi, u telaq bħal għafrid minn quddiemu; ma għaddewx kemm wieħed igħid ħames kredijiet, Żeppi daħal bilġri l-maqjel, f'għamla fela b'għajnejh botom żrameġ, il-ġmiel tagħhom, għażel l-isbaħ wieħed, kien imbierek Alla, qisu ħaruf!... U ħafif daqs għażżiela ħewlu lil Vitor: "Ha, dan iġbdu tajjeb għal fuq l-ispekett, indafru miegħu inti u l-għabura, u ixorbu fuqu belagħtejn jew tlieta nbid u Alla jbierek id-dinja."

Vitor kien baxx fuq xriek b'irjusu mserrħa fuq żewġ xulliliet ġod-daħla tal-mandra sejjer ixedd il-ħmara biex jitla' r-raħal. Ix-xemx kienet qiegħda taħseb biex togħdos f'baħar il-għarb tħalli xaqliba mid-dinja mkebba f'mantar dalmi, iddellijiet kienu ġa bdew jaqbżu minn fuq il-blat għoli u jinfirxu fuq il-ħlejqiet imberrħa ta' dawk l-inħawi; kien għalhekk riesaq dak in-niket marsus ġewwa kull qalb li x-xemx tħalli f'għibha; Vitor ukoll dak il-ħin ħa sehem mal-ħlejqiet u iżjed għamel bih il-biki meta ftakar fil-bixkla ta' Peppi, iżda malajr daret ma' qalbu fewġa hena li għada 'kk Alla jrid, terġa' titfaċċa u tagħti mill-ġdid lid-dinja l-ħajja u s-sliem. Iżda ma kellux qalbu f'sikkitha sa barra, wara li rama l-bhima, xekkel iż-żarmuġ, xeħtu ġol-benniena rikeb u rħielha lejn daru, il-Mellieħa, ċeklemċeklem, fit-triq qatagħha illi ż-żarmuġ jaqtagħlu nifsu, mhux le għada, kif qallu Peppi, iżda l-Hadd ta' wara, biex jekk ikun ħeles mit-tabxa kif kien jitma, Vitor u s-sieħba jduru annuna mal-mejda ħielsa minn kull ħsieb ta' dieqa, u ż-żarmuġ ma' l-ispagetti jinżlilhom iżjed għasel, u l-kus ta' l-inbid ibattluh sa l-inqas qatra, kif xtaqilhom Peppi.

* * *

Gauci, it-Tnejn kien il-Bibljoteka mperreċ wara l-bieb tarrajjes. Kien liebes qmis tal-fustan, tan-newl ta' Malta nofsha maqfula, biż-żibeġ ta' kuruna sewda mxerrfa minn fuq sidru u l-kmiem imxammrin sa fuq minkbejh; b'idejh imraxxmin: fuq il-leminija xbiha ta' Kristu Msallab, fuq l-oħra: l-Omm Imnikkta Sidtna. Sidrija, lanqas taf x'lewn hi maħlula u mitluqa fuq sidru; qaziet tal-kotnina lankè mehmuż madwar qaddu b'terħa

sewda, tirfidhulu minn ġenbejh b'żewġ dniedel iperpru; f'siequ l-waħda, qorqa tal-fart bis-suf b'kollox, maqfula fuq wiċċ siequ b'nitfa ta' dendula torbot qafla oħra għal wara għarqubu; siequ l-oħra għerja, u jofrok kemmxejn billi f'siequ l-mixduda kellu x-xquq tas-safra; kappell iswed minn dawk il-kbar... tal-faldi wisgħin, inkallat, u b'xi għanqbuta 'l hawn u 'l hinn mqabbda mill-falda għat-tromba li minn sena għal sena kien iżomm imdendel fuq witet ġol-maqjel. u ħwejġu mraxxa bil-frakijiet tanniexef. billi moqbejl kien ġarr is-silla għal ġol-għorof tar-razzett. F'kelma waħda kien qisu faxx basal aħdar misrum u mxewlaħ taħt mejda tal-ħaxix.

Żeppi ntasab mal-ħajt bil-kappell f'rasu; kien jidher bniedem hosbien jistenna kiebi, li kienu sejrin jaqtgħuhielu għal għomru; kulmin igħaddi minn quddiemu, bir-riħ, ifarfarlu minn fuqu xi frakijiet tal-weraq tas-silla niexfa u traxxax madwaru għabra sewwa.

Fis-siegħa u l-ħin instemgħet għajta: "Ġużeppi Gauci"...

Żeppi għamel ta' bir-ruħu indehex... bħalli nqata'... ġabar xofftejh, ferfer kemmxejn idejh u rama jżebbeġ għajnejh 'l hawn u 'l hinn daqs nemes!

Il-purtier tah daqqa t'għajn, rah donnu jrid igħid xi ħaġa:

— Inti Ġużeppi Gauci? — staqsieh b'ċanfira. Żeppi beda jirtogħod u bħalkieku l-kelma żammitlu fi grieżmu u bi tgergira mejta fuq xofftejh wieġeb:

— Jien... sinjur... Żeppi ż-Żmajmoċċ...

— Mhux Gauci, kunjomok?

— Iwa...

— U mela ejja x'inti titbażża'!

Żeppi reġa' beda jirtogħod; u bħal wieħed imfixkel għallaħħar, daħal mal-bewwieb fejn ir-rajjes.

— Neħħi dak il-kappell — qallu l-purtier b'wiċċ imqit; meta b'ħarsa mdardra flieħ minn fuq s'isfel.

Gauci, bħal wieħed li għadu jqum minn nagħsa, talla' qajl qajl idu, ħafen il-falda tal-kappell, kixef rasu, għadda keff idu minn fuqha u... xi frakijiet tal-kuxlief u s-silla ġġarrfu fl-art, minn rasu muxagħra u mħabbla: Żeppi waqaf hemm fil-bieb, donnu mifxul ma jafx x'jaqbad jagħmel u mingħajr ħila, jitbażża' jersaq lejn ir-rajjes.

— Imxi ftit ieħor... sa quddiem is-sinjur... dak tar-rokna — lissen bħal imdejjaq il-bewwieb, fil-waqt li għemeż lis-sinjur.

Żeppi ndehex, billi l-purtier messlu nitfa driegħu biex iress-

qu lejh infixel... żebbeġ għajnejh... ħares 'il fuq u 'l isfel... għadda idu minn fuq moħħu u żamm ruħu tqil fil-pass...

— ...u niżżel dawk it-tixmiriet... lanqas li kont Għarbi — żied igħidlu l-bewwieb.

Ġużepp Gauci, ħa nifs qawwi u daħal f'tiġrija ta' ħsibijiet ferrieħa, li kattrulu l-ħila li kellu moħbija f'qalbu, u rama jgħid bejnu u bejn ruħu: "Issa dħalna fiż-żifna... jeħtieġ inwettqu ħilitna kollha biex noħorġu mit-tabxa b'wiċċ-il-ġid... Dawn it-tfal ta' fuq l-imnabar, mad-daqqa t'għajn, bejn wieħed u ieħor, għabbarthom kollha fi ħsiebi; ma jiswewx tebaq fwiedhom; in-ħossni li għandi l-imkif kollu biex ingħaddihom bid-dgħajsa..." u wara li ħakem bejn irkobbtejh l-kappell, niżżel it-tixmiriet ta' kmiem il-qmis u xi erbat iżwiel oħra xterdu quddiem il-mikteb tar-rajjes.

* * *

"X'jismek?" staqsieh b'wiċċ ħmieti r-rajjes.

"Żeppi ż-Żmajmoċċ" wieġeb Gauci meta waħħal għajnejh qawwija f'għajnejn ir-rajjes: ilsienu nofsu mbikkem, sidru jimla u jofrogħ u idejh jirtogħdu.

"Kunjomok xinhu?"

"Gauci."

"Fejn toqgħod?"

"Għalina!" qal f'qalbu Żeppi, u erħilu jħoll il-marden:...

"Ir-razzett sinjur... u minn xi waqtiet, il-mandra lejn Għajn-Riħana, hinni wkoll għandna razzett ieħor b'żewġ għorof ta' wsigħ bil-kbir, imtalla' fuq żewġt iġnub ta' setaħ ġoċ-ċarru(1) tagħna "tan-Newla"."

"Issa sirt naf ftit inqas minn qabel, fejn toqgħod", wieġeb bħal imdejjaq, iżda bi tbissima dgħajfa, ir-rajjes; "jiena mhux dan staqsejtek...... irrid naf fejn toqgħod bid-dar.

Gauci baqa' jħares lejh, bħal wieħed li kienu għaddejjin minn moħħu ħsebijiet qawwija u miblugħ fih in-nifsu, temtem:

"Iwa, nuf, sinjur... aħna qatt ma ċċaqlaqna mir-raħal..."

"Ir-raħal x'jismu?... Kif tgħajtulu?... tenna staqsieh ir-rajjes, b'wiċċ imqit u mgħaddab.

"Bur-Marrod".

"Limit of Musta", qabeż qal wieħed mill-iskrivani li kien qrib ir-rajjes.

"Ma tafx x'jismu r-raħal" tenna r-rajjes. "X'jismu r-raħal tagħkom?"

---

(1) Roqgħa raba', minn ħabel sħiħ.

"Aħna Bur-Marrod, ngħidulu, sinjur qalbi......"

Ir-rajjes għad ma qabadx li n-nies ta' Bur-Marrod, qajla għandhom x'jaqsmu mal-Mostin. Min twieled hemm, iżżewweġ u miet hemm ukoll, għax il-biċċa l-kbira, l-iżjed l-ibdiewa ebda xkiel ma għandhom li joftomhom jew joħrogħom minn Bur-Marrod; sal-knisja u l-qassisin għandhom biex jaqdu dmirhom ta' nsara. Terġa', in-nies ta' dawk l-imkejjen li l-biċċa l-kbira, kif għedna, huma bdiewa, igħixu minn fuq arthom; ibda mill-ħobża u l-qatra tal-inbid, sal-kurrata u l-ġbejna; ma tmurx f'dar ta' bidwi u ma ssiblux moddejn tgħam ġol-matmura u ż-żniebel tat-tin imqadded.

"Il-knisja tar-raħal tagħkom mhix mibnija għamla ta' koppla?" tenna staqsieh ir-rajjes; u bla ma stenna t-tweġiba, qam biex ifissirlu t-tifsila tal-Mosta: billi għolla jdejh 'il fuq bil-ħamest iswaba' miftuħa u msaqqfa għamla ta' koppla.

"Leq, sinjur..." wieġeb ħafif, ħafif, Żeppi. "Il-knisja tar-raħal tagħna donnha maqjel twil twil tal-ingħaġ... ġejja b'medda mixħuta għat-tul, mill-madħal sa fuq il-midbaħ il-kbir; qoddiem San Mikieli tagħna!

"Ma naqbdux art", qal ir-rajjes minn taħt ilsien, lil dak ta' ma' ġenbu.

"Hu u ħmar iroddu tnejn", wieġbu dan b'wiċċ daħkani iżda mqarras, "ma tista' taħtaf xejn minn fommu".

Tenna staqsieh ir-rajjes b'wiċċ imbergħen. "Mela d-dar fejn taħbat?"

"Ġor-razzett, sinjur".

"Iva, tajjeb. U r-razzett fejn jaħbat?... X'jisimha t-triq? Iżjed ċar minn hekk ma nistax inkellmek!" Hawn ir-rajjes tfawwar iżjed; minn bejn irkobbtejh rama jiġbed is-siġġu ta' taħtu lejn il-mikteb u mifxul kif kien qabad lapis tal-ixkaka bejn żewġt iswaba', tan-nofs u l-werrej, u magħdub, rama jtambar bih fuq ktejjeb li kellu quddiemu, x'ħin qallu :—

"Irrid naf fejn tiġi t-triq tar-razzett tagħkom, mingħajr ħafna kliem żejjed!"

Peppi telaq il-kappell fl-art, medd pass il quddiem, żebbeġ għajnejh 'il hawn u 'l hinn, waqqafhom fuq wiċċ ir-rajjes, xejjer idejh it-tnejn min-naħa għall-oħra b'medda kbira; l-ewwel, ngħidu aħna, lejn ix-xmiel, imbagħad jieħu skossa oħra u jxejjirhom lejn ix-xerq, meta b'dehwa kbira u b'wiċċu mfawwar qallu :—

"Triq 'il hawn u triq 'il hinn".

Sakemm qal hekk minn wiċċu ħareġ ix-xrar! u tgħidx

kemm żebbeġ, berraq u twerreċ! B'dik is-sidrija miftuħa titbandal ma' dirgħajh u bi xfarha jħabbtu ma' sidru: hawn Żeppi tagħna farfar minn fuqu xi erba' magħseb tas-silla u xi żewġt iżwiel milli kien fadallu ma' ħwejġu.

Ir-rajjes imfawwar amar lill-purtier biex iwarrbu mill-bieb 'il barra, għal ftit, billi kulħadd ried jixkatta bid-daħk.

Il-purtier resaq lejn Żeppi bi tbissima mxerrda ma' wiċċu u b'leħen imħannen qallu:—

—Barb..., tridx toqgħod tistenna ftit barra? Dal-waqt jarġa' jgħajjatlek.

—Mela sinjur, noħroġ... mela le!—wieġeb Żeppi mgerrex.

Ġużè Gauci tħarrek minn quddiem ir-rajjes mal-purtier; dan taptaplu fuq kitfu bil-ħlewwa kollha biex iwasslu sal-bieb, kif amarlu r-rajjes.

Il-purtier ħass qalbu teħla għal Żeppi; għalhekk issa, ħadu kemm sata' b'imġiba tajba, billi rah hekk ġwejjed! u mingħalih lanqas ma ntebah illi l-iskrivani kienu riedu jgħadduh biż-żiċċ u ta' tifel żgħir! B'hekk il-purtier ta xhieda li kellu qalbu minġura.

Qalb Żeppi tkebbset iżjed bil-ħeġġa biex jissokta jagħmel b'ħiltu kollha, kulma jista' biex lir-rajjes u lill-ġlajka ta' ma' dwaru jurihom ħaġa b'oħra: u din il-berqa ta' ħsebijiet ġo moħħu leħħet qawwija f'għajnejh.

Rama jgħid f'qalbu, u jħammem:—

"Ġewwa x-xilep! U jekk għadu mhux, għad fadalli ħila nħoll elf saram ieħor... Ir-rajjes ġa qalbu maqtugħa...... hekk qrajtlu f'wiċċu! U... dawn tal-ibliet" Dammi dammi... fustan xejn(2)..., moħħom daqs imħara... u ddaħħalhom kif trid ġol-ixkora — issokta jhewden fi ħsiebu — Il-ħabel, f'idejn dak li qiegħed jistħarriġni! L-oħrajn, m'humiex ħlief kiesa mperrċa u battala, ġol-iżġieġ jew fuq il-bank ta' bejjiegħa d-duwa: għall-wirja biss!" — U erħilu jhejji ruħu għal quddiem ir-rajjes.

* * *

"X'jidhrilkom?..." qal is-sur.............. lil dawk li kienu hemm jisimgħu l-istħarriġa ta' Gauci: "kontu qatt temmnu li ġo Malta għad fadal nies minn din il-għamla! Rashom marbuta hekk bl-ikrah! Jiena qatt ma kont nobsor li llum jinsabu nies hekk baħnana, ġewwa din il-Gżira! Lanqas li konna fi żmenijiet bikrin għall-aħħar!"

"Bħal dan, ma ssibx ieħor b'nemes; qal b'wiċċ daħkani

(2) **Qawl qadim: "Duħħan bla xiwa".**

wieħed fost il-ġgajta, li kien mixħut b'wiċċu fuq il-mikteb tiegħu u b'keff idu jserraħ rasu u b'għajnejh imsammra fuq wiċċ Żeppi......

Minn barra kien jinstama' d-daħk......

"Ma tistax taqbad art ma' raġel għafsi u rozz bħal dan! Ma naslux", ġerger ir-rajjes imfixkel. Ma riedx kieku jagħti l-lala żejda lill-iskrivani, billi wieqaf minn qaddisu. "Sħiq fl-ilma", tenna r-rajjes minn taħt ilsien b'wiċċ iżjed imqit minn qabel.

"Arġa' sejjaħlu hawn ġew", amar ir-rajjes lill-purtier.

Żeppi daħal bħal bniedem imbażża', u kont ingħid aħjar, kieku għedt bħala bniedem imkexkex: u miblugħ fih in-nifsu, ħareġ tnehida minn qalbu, b'kefes idejh warajh, jilqgħu mal-ħajt tal-kamra, mexa żewġ passi lura, dendel idejh miż-żewġt ibħima mehmużin mat-terħa, u b'ħarsa mberrqa 'l fuq, bħal min bla jies, ifittex xi ħaġa fil-bogħod u ma jafx x'jaqbad jagħmel! Xeħet ħarsa ta' ħniena fuq wiċċ ir-rajjes...... għajnejh imtlew bid-dmugħ... u b'għaġla raġa' ġibidhom 'il fuq, fejn kienu mixħutin qabel.

—"Oqgħod bil-qiegħda Pepp, qallu r-rajjes wara li amar inewlulu siġġu.

Hawn Żeppi biddel f'malajr il-bixra ta' wiċċu u wara li serraħ fuq il-maqgħad, tbissem u wera ruħu bħalkieku qiegħed ġo maħdar(3) b'wiċċ kollu ferrieħi, u daħkani.

— Isma', Gauci — staqsieh ir-rajjes — inti ma tinżilx ix-xatt, biex tgħabbi l-ġwies?

—Leq, sinjur! Ix-xatt la qatt mort u lanqas naf fejn jiġi x-xatt, qalb ta' qalbi... sinjur!

—Mela min itellgħu l-ġwież mix-xatt?

—Missieri.

—U inti?

—Jien ninżel mal-ħmar......

—Mela missierek jixtri u jtalla' l-ġwież mix-xatt: hux tabilħaqq, Pepp?

— L-ixirka tal-imyażen u ċ-Ċuplajs igyabbuh fuq il-moħor, missieri jirkeb u Gawdenz isuq sar-raħal.

—U int?

— Jien u l-ħmar, inkunu wara ta' Putirjal jittennew 'il missieri, biex jekk ma ikunx fadal wisa' fejn jirkeb missieri fuq il-moħor, jintafa' fuq il-ħmar — u rama jżebbeġ għajnejh bħal

---

(3) Fejn tiġi milqugħa l-għarusa għat-tieġ.

nemes...... u wara li ttewweb titwiba mkarkra... "Jien issa bini l-ġuħ, sinjur; u l-ħmar qiegħed jittennieni barra l-belt, hu, u ċ-Ċuplajs..... Jaħasra..... Gawdenz, għandu qalb ta' nemer(4) mank ħaseb inizżel ħodon silla għall-bhima... imsejken il-ħmar għandu ġuħ minsi; issa sinjur...

—Inti taf tmur waħdek, ħdejn il-ħmar?" qatagħlu kliemu r-rajjes.

—Le... ma nafx... sinjur... u la naf hawn mnejn dħalt... u lanqas mnejn noħroġ... sinjur — u rama jħokk rasu u jingħi...
— Jien hawn il-belt qatt ma dħalt kemm għandi għomor... u sinjur......

Ir-rajjes amar li jwasslu kontistabbli sa Putirjal.

— Ara Pepp — qallu r-rajjes — issa ġej pulizija ħalli jwasslek sa fejn għandek il-ħmar jistenniek... saħħa, Pepp; mur bis-sliema.

—Saħħa... sinjur... saħħa.

Il-bewwieb wassal 'il Gauci barra s-sala, u f'kemm ilna ngħidu, feġġ l-iżbirr.

— Isma' Portelli — lissen il-purtier lill-ġendarm—bl-amar tas-sur.............. wassal lil dar-raġel sa Putirjal; għax il-lum l-ewwel darba li daħal il-belt, mhux ħili jmur waħdu...

Gauci u Portelli ħarġu barra; dan wasslu sa Putirjal, Peppi ħareġ tmintax tal-fidda, ħares 'l hawn u 'l hinn: "ħa", qallu, "x'tixrob; f'ħajjietek u saħħa wisq, xbin".

Saħħa!... Alla jqawwik, qarib.

—Lil kulħadd — wieġeb ħieles, ħieles iż-Żmajmoċċ, u telqu lil xulxin. Żeppi tafa' ħarstu kemm jimirħu għajnejh u dlonk lemaħ il-ħmar u ċ-Ċuplajs; ħaffef il-pass u kif qorob ħdejhom qal lil Gawdenz: Baħar ix-xatt! Fehemti seħħet... irbaħnieha bl-ispejjeż b'kollox! Deffes idu bl-akbar dewha ġewwa l-benniena, ħataf bħal ħalliel ħobża u ġbejna. — Jien sejjer nieħu loqma għat-tewja: ċaqlaq Gawdenz ħa mmorru lejn id-dwejra.

Malli ż-Żmajmoċċ resaq qrib Bur-Marrod, f'dik ir-riħa safja ta' beraħ, infetħulu mnifsejh mill-imdewwa tal-belt, moħħu strieħ u qalbu ntrifdet: ħass ġo fih il-pulmuni jitmattru b'nifs twil twil u jitħarrku b'taħrika ta' saħħa qawwija — bħal meta xitla għadha tisġar tħoss fuqha u tistgħall il-benna tar-Rebbiegħa, wara r-rwiefen qliel u sfiq li kienu jinbarmu magħha għakksuha u nixxfuha, u r-riħtrieq li xorbilha t-tira tal-ħamrija li ġo fiha kienu tferrxu u tmattru egħruqha.

---

(4) **Tigra.**

## IL-QARI MALTI.—

### Imxierek fil-"Qawmien Malti (Eġittu)—

### Marzu, 1944.

*IL-QARI MALTI* (imxierek fil-"*Qawmien Malti*", Eġittu, Marzu 1944.

Waslilna *Il-Qari Malti* ta' Marzu. Fraħna wisq meta qrajna l-Editorjal u sirna nafu li l-Kunsill Ċentrali tal-Komunitajiet Maltin fl-Eġittu miexi ġmielu 'l quddiem fix-xogħol li jrid jilħaq. Nittamaw li l-Kunsill Ċentrali tal-Malti, li nħoloq hawn Malta, bejn il-Għaqdiet tal-Malti, jirnexxilu jilħaq dmiru biex ma jagħmilx għajb lil Maltin li qegħdin jaħdmu għall-ġieħ ta' Malta 'l bogħod minn Arthom.

F'artiklu ieħor, "Mingħajr tixrid ta' demm m'hemmx fidwa" ta' P. Baskal Grech o.f.m., jidher li fil-kittieb hemm mhux biss il-ħeġġa saċerdotali għal kullma huwa mqaddes, iżda wkoll l-imħabba lejn Art twelidu.

Mar-riżultat tal-Ballati, dehru tnejn minnhom: ta' Romeo L. Psaila u ta' P. Valentin Barbara O.P. Barra minn dawn fih żewġ poeżiji oħra, waħda ta' G. Chetcuti u l-oħra ta' K. Vassallo li fihom iż-żewġ poeti żgħażagħ igħollu l-ġieħ tal-Gżira tagħna.

Barra dan, fih ukoll bosta tagħrif li jinteressa l-Maltin ta' hemm.

D. F. C.

---

## XIRKA GHAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI

### KUMITAT GHAS-SNIN 1944-1945

**President:** Kav. Jos. Galea, M.D., D.P.H.;

**Segretarju:** Is-Sur G. Cassar Pullicino.

**Kaxxier** u **Asst. Segretarju:** Is-Sur Ġorġ Chetcuti.

**Membri:** Patri Pawl Tabone, O.F.M., J. Can, Th. M. Lect. Glis.; Brother Amedy Charles; is-Sur Marju Agius; is-Sur G. Azzopardi Debono.

## LILL-IMSEHBIN TAGHNA

Ngharrfu lill-imsehbin li ghadhom ma hallsux biex jibaghtu 2s.6d., il-hlas tat-tishib ghas-sena 1944, lis-Sur Anton Azzopardi, 165, Triq Rjali, Hamrun.

IL-KAXXIER.